

Brussell, 13 ta' Jannar 2021  
(OR. en)

5221/21

DENLEG 3  
FOOD 3  
SAN 9

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13668/20
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-ispeċijiet botaniċi li fihom derivati tal-idrossiantraċen - <i>Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni</i>

---

1. Fl-1 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat għal skrutinju mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq (ST 13668/20) f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE<sup>1</sup>, kif modifikat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE<sup>2</sup>, li jstabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Oġġetti tal-Ikel (Attachés) qies, permezz ta' konsultazzjoni informali bil-miktub<sup>3</sup>, li ma hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23

<sup>2</sup> ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11

<sup>3</sup> WK 14165/2020, WK 14877/2020

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden:

- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma, u
  - jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, li ma hemm l-ebda raġuni biex jopponi l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq.
-